# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


## MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 21

Data tal-laqgħa: 11 ta' Ġunju, 2025

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar l-Erbgħa 11 ta' Ġunju 2025 fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Mariah Meli |
| Viċi Sindku | Francesca Attard |
| Kunsillieri | Christopher Fenech<br>Helen Gauci<br>Marilena Hassan (SKUŻATA) |
| Deputat Segretarju Eżekuttiv | Jeanette Galea |

Il-laqgħa bdiet fil-5:30p.m. billi ntqalet it-talba.

Is-Sa Helen Gauci, qalet kif qabel ma tibda l-laqgħa hi xtaqet tfakkar lis-Sindku li hi kienet fuq is-siġġu li serqet bl-appoġġ tas-Sur Christopher Fenech, u tas-Sa Francesca Attard.

Is-Sindku talbet sabiex tinżamm l-ordni waqt il-laqgħa u li l-Kunsill għandu jimxi ma' l-aġenda. Ġibdet l-attenzjoni li din il-laqgħa bdiet żewġ minuti tard minħabba li kien hemm problema teknika eżatt kif bdiet il-laqgħa u kellha terġa tiġi repetuta l-ewwel biċċa.

## 21/01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**21/01/01** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, infurmat li dan il-Kunsill kien irċieva ittra t'apoloġija, is-Sa Marilena Hasan, sabiex tinforma lill-Kunsill kif minħabba emerġenza ma setatx tkun preżenti għal din il-laqgħa.

**21/01/02** Il-Kunsilliera approvaw din it-talba.

## 21/02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**21/02/01** Il-Minuti tas-seduta numru 19 li nżammet nhar il-Ħamis 29 ta' Mejju 2025 u is-seduta numru 20 li nżammet b'urġenza nhar il-Ħamis 29 ta' Mejju 2025, kienu meħuda bħala moqrija.

**21/02/02** Il-Minuti kienu approvati fuq proposta tal-Viċi Sindku, is-Sa Francesca Attard, sekondata mill-Kunsillier, is-Sur Christopher Fenech.

**21/02/03** Is-Sindku infurmat kif hi kienet ser tagħti aġġornamenti fil-qosra dwar punti li kienu mqajma fil-laqgħa preċedenti.

**21/02/05** Is-Sa Meli infurmat dwar it-talba sabiex issir Bus Shelter fiż-zona ta tax-Xwieki, il-Kunsill kien għadu qed jistenna konferma mingħand il-Perit tal-Kunsill dwar jekk ir-rapport mitlub kien ġiex sottomess lill-Awtorità ta' l-Ippjanar. Hi spjegat li kien hemm dewmien dwar dan minħabba li kien hemm xi qisien neqsin li kellu jġibhom il-Perit minn fuq il-post.

**21/02/06** Is-Sa Meli għamlet referenza għat-talba mressqa mis-Sa Marilena Hassan sabiex ikun hemm aktar dawl fi Triq il-Ġnien u fejn il-Kunsill kien infurmat f'laqgħat preċedenti li kienet saret laqgħa fuq il-post mal-Perit William Agius fil-preżenza tas-Sa Helen Gauci nhar it-Tnejn 24 ta' Marzu. Hi qalet kif id-DSE bagħtet tfakkira ġentili dwar dan u ma kienx għad hemm risposta.

**21/02/07** Is-Sa Meli għamlet referenza fuq it-talba tal-Kunsill sabiex il-Bus Stop ta' ħdejn il-knisja timxi għal bidu tat-Triq San Bartilmew. Hi spjegat kif din it-talba kienet ġiet approvata fil-laqgħa preċedenti u kienet ġiet immresqa lil Transport Malta. Sadanittant spjegat kif il-Kunsill kien ġie mitluba biex jipprovdi ritratti tal-post u tas-sit fejn kien qed jissurggerixxi l-Kunsill. Is-Sa Meli infurmat kif kienu aktar kmieni dakinhar ta' din il-laqgħa kienu nfurmati minn TM li l-Kunsill kien ingħata risposta dwar dan pero kien hemm problema biex id-DSE taċċessa ix-*sharepoint* tat-TM. Kif ikun hemm risposta din ser tkun qed tiġi ikkomunikata mal-Kunsilliera. Is-Sa Meli qalet ukoll kif jekk din it-talba tkun approvata, il-Kunsill ser ikun qed imexxi ma' dak li kien miftihem.

**21/02/08** Is-Sindku infurmat kif matul dawn il-ġranet l-uffiċċju kien għaddej bil-preparamenti sabiex tiġi sottomessa l-applikazzjoni flimkien mad-dokumenti mitluba għal Skema Numru 5/2025 – Karnival 2026. Is-Sa Meli nfurmat kif kopja ta' l-applikazzjoni kienet diġa ġiet iċċirkulata lill-Kunsilliera u staqsiet jekk kienx hemm xi domandi x'jiġu mressqa dwar dan. Żiedet tgħid ukoll li qed jinġabru l-kwotazzjonijiet neċessarji sabiex dawn ikunu nkluża ma' l-applikazzjoni u din ser tkun sottomessar sa nhar it-Tlieta 17 ta' Ġunju 2025.

**21/02/09** Il-Kunsilliera preżenti approvaw din l-applikazzjoni.

**21/02/10** Is-Sindku għamlet referenza għal żewġ skemi finanzjarji li l-Kunsill kien għadu ma ddiskutiex - Skema 6/2025 – Fondi ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Maġġuri li ser tagħlaq nhar it-Tlieta 24 ta' Ġunju kif ukoll Skema 7/2025 – Servizz ta' Manutenzjoni binjiet Pubbliċi li ser tagħalaq nhar it-Tlieta 29 ta' Lulju 2025.

**21/02/11** Peress li ma kienx hemm suġġerimenti dwar dan, is-Sa Meli qalet li ser ikollha tiġi msejħa laqgħa b'urġenza dwar Skema 6/2025.

**21/02/12** Id-DSE infurmat lill-Kunsilliera ftit minuti qabel din il-laqgħa hi kienet irċiviet komunikazzjoni mingħand il-Life Long Learning dwar l-applikazzjoni li kienet ġiet sottomessa minn dan il-Kunsill. Hi spjegat kif huma kienu rċivew domanda kbira sabiex jinżamm il-kors tal-ganutell u li dawn il-lezzjonijiet ser jinbdew jinżammu nhar ta' Ħamis bejn id-9 ta' filgħodu u nofsinhar. Hi qalet ukoll kif it-tnedija uffiċċjali ser tkun nhar l-Erbgħa 25 ta' Ġunju 2025.

21/02/13 Id-DSE xtaqet taġġorna wkoll dwar il-kont pendent mal-organizzaturi tal-Boxing Tournament u fakkret lis-Sa Gauci li sa din il-laqgħa, il-Kunsill ma kien irċieva l-ebda komunikazzjoni dwar dan.

21/02/14 Is-Sa Helen spjegat kif il-Kunsill preżenti m'għandux x'jaqsam ma dik l-attività u kif dan il-kont għandhom x'jaqsmu dirett magħha u mhux mal-Kunsill. Hi nfurmat li jekk ikun hemm min qed jitlob xi ħaġa mill-Kunsill, dan għandu jiġi indirizzat lis-Sa Gauci dirett.

21/02/15 Id-DSE fakret lis-Sa Gauci biex tieħu ħsieb tagħti tweġiba bil-miktub lill-Kunsill dwar dan li kien diskuss f'din il-laqgħa kif ukoll fil-laqgħat preċedenti dwar dan is-suġġett.

**21/02/16** Is-Sa Meli għamlet referenza għall-kumment tas-Sa Gauci fejn infurmat li l-Kunsill attwali ma kelux x'jaqsam mad-deċiżjonijiet li kient meħuda fil-Kunsill preċedenti, u qalet kif hi ma kienitx qed taqbel assolutament ma dan il-kumment peress li l-affarijiet qedin isiru taħt il-kappa tal-Gvern Lokali

**21/02/17** Is-Sa Gauci talbet lis-Sa Meli sabiex tfittex fil-liġi u tara kif il-Kunsill preċedenti m'għandu x'jaqsam xejn.

**21/02/18** Is-Sa Meli żiedet tgħid li l-Kunsill jidher li kellu sew x'jaqsam ma' dan l-avveniment peress li r-riklami relatata ma' dan l-avveniment kien qed jiġi rriklamat taħt il-kappa tal-Kunsill Lokali tal-Għargħur u għalhekk huwa bżonjuż li dan jiġi ndirizzat.

**21/02/19** Is-Sa Meli fakkret ukoll fuq l-aċċess tal-Paġna ta' Facebook tal-Kunsill Lokali li fil-preżent l-aċċess sħieħ qiegħed għand is-Sa Gauci u parzjalment għand id-DSE sabiex din tiġi ndirizzata mill-aktar fis possibli peress li kienet problema li għadha għaddejja.

**21/02/20** Is-Sa Gauci talbet sabiex il-Kunsill isib persuna teknika sabiex jgħin f'din il-problema u espremiet li hi lesta li tiġi fejn tiġi mitluba sabiex din il-problema tiġi ndirizzata. Dan kif kien hemm tentattiv ieħor li jsir imma l-problema baqgħat ma ġietx solvuta.

**21/02/21** Kien hemm qbil sabiex is-Sa Gauci tieħu ħsieb tbiddel il-*password* peress li din kienet problema u jsir komunikazzjoni sabiex imorru flimkien għand persuna teknika.

## 21/03 Komunikazzjoni mis-Sindku

**21/03/01** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, għamlet referenza għall-avveniment ta' tberik ta' l-annimali fejn id-data oriġinali kellha tiġi pposponuta. Hi qalet kif f'Ottubru jiġi ċċellebrat l-festa ta' San Franġisk fl-ewwel *weekend* ta' Ottubru u kif għal din ir-raġuni hi xtaqet tipproponi sabiex it-tberik ta' l-annimal tiġi organizzata nhar il-Ħadd 12 t'Ottubru 2025. Żiedet tgħid kif din id-data ġiet ivverifikata mal-Kapillan u ikkonferma li ma kienx hemm problema minn naħa tiegħu.

**21/03/02** Kien hemm qbil dwar dan mill-Kunsilliera preżenti.

**21/03/03** Is-Sa Meli għamlet referenza għall-komunikazzjoni li kien waslilha minħabba l-operazzjoni tal-magna tal-BCRS waqt iż-żmien tal-Festa u spjegat kif qed ikun hemm problemi bil-karozzi li qed jieqfu quddiem din il-magna sabiex jgħamlu użu minnha.Hi qalet kif dan il-punt irid jitqajjem mal-laqgħa li għandha tinżamm ma' Transport Malta sabiex naraw li din il-problema tiġi ndirizzata u sabiex tiġi mibgħuta komunikazzjoni lil BCRS sabiex din tiġi kkontrollata aħjar.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**21/03/04** IS-Sa Meli infurmat kif kien hemm talba sabiex ikun hemm aktar infurzar fil-lokalità speċjalment f'żoni meqjusa bħala 'hot spots' u f'ċertu '*peak hours'*. Hi qalet kif aktar kmieni filgħodu ta' din il-laqgħa kienet inżammet laqgħa mal-Uffiċċjali tal-Komunità u dan ser ikun qed isir ukoll komunikat ma' Transport Malta u LESA sabiex jgħatu l-assistenza tagħhom.

**21/03/05** Is-Sa Meli żiedet tgħid ukoll kif kien hemm anke komunikazzjoni sabiex tiġi mressqa talba sabiex ikun hemm preżenza ta' dawn l-uffiċċjali waqt l-avvenimenti li hemm pprepatati, fosthom l-ewwel avveniment li ser jinżamm nhar is-Sibt 28 ta' Ġunju – Minn Pjazza Għal Pjazza. Hi qalet kif qed isiru ħafna preparamenti fi żmien limitat fosthom hi nfurmat li kien sar filmat qasir sabiex jiġi użatt fil-mezzi soċjali kollha bħala riklam dwar dan l-avveniment.

**21/03/06** Is-Sa Meli qalet ukoll kif hi kienet bagħtet komunikatt fuq *whatsapp* sabiex kulħadd ikun infurmat b'dan kollu, b'mod speċjalment peress li kienet infurmata li s-Sa Hassan ma kienitx ser tkun preżenti għal din il-laqgħa. Hi żiedet tgħid li jkun ferm apprezzat jekk kulħadd jirrispondi lura bil-ħsibijiet tiegħu.

**21/03/07** Is-Sa Meli infurmat kif il-laqgħa li tinżamm kull sena mal-Puliziji flimkien ma' l-għaqdiet u l-ħwienet tal-lokal ser tkun qed tinżamm fil-bidu ta' Lulju pero kien għad ma hemmx data peress li l-Kunsill għadu qed jistenna tweġiba lura mingħand il-Pulizija.

**21/03/08** Is-Sa Gauci staqsiet jekk il-Kunsilliera humiex ser ikunu avżati minn qabel dwar din il-laqgħa.

**21/03/09** Is-Sa Meli ikkonfermat li ser tkun qed tinforma lill-Kunsill malli jkun hemm data u ħin stabilit.

**21/03/10** Is-Sa Meli għamlet referenza għal Jum il-Għargħur u kif dan il-programm kien kważi magħluq. Hi qalet kif kienet bagħtet il-programm tas-serata. Bħala spiża t-total ser ikun ta' €4481.30c. Hi spjegat ukoll kif kien hemm *sponsors* mingħand Visit Malta u l-Kunsill Malti għall-Arti kif ukoll minn *businesses* lokali, b'total ta' €4,676.00 u għal din ir-raġuni ser ikunu qed isiru l-kuntratti ma' dawn l-*isponsors* matul din il-ġimgħa. Hi qalet kif hekk kien jifdal differenza ta' €194.70c sabiex tiġi użata għll-ispejjeż tas-servizz tal-Pulizija. Pero infurmat kif *risk assessment* kif ukoll *insurance* relatati ma' dan l-avveniment kien ukoll kopert.

**21/03/11** Id-DSE żiedet tgħid kif ftit tal-ġranet qabel din il-laqgħa l-Kunsill kien irċieva komunikazzjoni fejn l-iskema li kienet għaqlet ftit tal-ġimgħat ilu fejn isir rimborż ta' ħlas għas-servizz mill-LESA, Pulizija u CPD għall servizz użat ma' avvenimenti kulturali, ser tkun qed terġa tinħareġ fil-ġimgħat li ġejjin. Hi spjegat li kif ikun hemm aktar informazzjoni, ser tkun qed tinforma lill-Kunsill dwar dan.

**21/03/12** Is-Sa Meli infurmat ukoll kif il-Kunsill kien bagħat numru ta' *no objections* lill-Pulizija sabiex isiru l-avvenimenti marbuta ma żmien il-festa. Ridet tiċċara punt cruċjali li dan kien anke iċċarat mal-għaqdiet, fejn irid ikun hemm risk assessment u insurance policies. Hi kienet diġa nfurmat ukoll lill-Pulizija dwar l-avvenimenti relatati mill-Kunsill kif ukoll *site plans, insurance polices* u *risk assessments* kienu provduta u b'hekk kien hemm esiġenza li l-għaqdiet jaraw li huma konformi dwar dan. Hi qalet ukoll kif Transport Malta ġew infurmati dwar ir-rotta tal-karozza tal-linja li ser tkun qed tiġi affetwata minħabba l-għeluq ta' toroq minħabba l-avvenimenti li hemm ippreparati. Għal din ir-raġuni hi ressqet fuq il-mejda l-komunikazzjoni li kienet waslet mingħand il-Pulizija dwar dan.

**21/03/13** Is-Sa Meli għamlet referenza għall-avveniment li ser jinżamm nhar il-Ġimgħa 18 ta' Lulju fejn infurmat li wieħed mill-preżentaturi kien informa lill-Kunsill li ma kienx jistà jkun preżenti u kif

għal din ir-raġuni l-amministrazzjoni qed tipprova ssib persuna oħra sabiex tikkumplimenta lis-Sur Coleiro minn aspett komiku.

**21/03/14** is-Sa Meli għamlet referenza għal permess tal-Awtorità tal-Ippjanar fejn ġiet imressqa talba sabiex il-Kunsill ikun rappreżentant fil-laqgħat. Żiedet tgħid ukoll kif hi talbet ukoll *social media portal*, Lovin Malta, li tefa ritratt tal-għargħur fejn ġej dan l-iżvilupp u ta lin-nies xjifhmu f'post ħazin, meta dan ma kienx korrett u kif dan ġie mibdul mill-ewwel.

## 21/04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

**21/04/01** Is-Sa Meli infurmat li dan il-Kunsill kien irċieva domanda mingħand il-Viċi Sindku, is-Sa Francesca Attard. Madanakollu s-Sa Gauci staqsiet jekk l-impjeget kien ressaq it-talba tagħha peress li kienet għaddietha lilu.

**21/04/02** Id-DSE infurmat li ma kienet irċiviet xejn. Għal din ir-rġuni, is-Sa Gauci talbet lis-Sa Meli tikkunsidra li dawn jiġi mressqa peress li ma setgħux jistennew sa laqgħa oħra ġaladarba hi kienet resiqthom ukoll.

**21/04/03** Is-Sa Meli aċċettat din it-talba u sakemm id-DSE kienet qed tfittex id-dokumenti imressaq mis-Sa Attard, hi talbet sabiex is-Sa Gauci tilħaq tressaq it-talba tagħha.

**21/04/04** Is-Sa Gauci għamlet referenza għal ritratt li kienet għadha kif iċċirkulat ta' tabella li tinsab fl-isqaq fejn tal-ferħa u talbet jekk din kinitx saret mill-Kunsill jew le. Hi spjegat ukoll kif dan huwa Sqaq li ma jinfidx.

**21/04/05** Is-Sa Meli ikkonfermat li din it-tabella ma kinitx saret fuq struzzjonijiet tal-Kunsill u għal din ir-raġuni din għandha tiġi vverifikata ma' TM.

**21/04/06** Is-Sa Gauci ressqet talba sabiex fin-niżla għal Għar ta' San Brincat fejn fil-liwja eżatt qed tkun tiżloq ħafna b'mod speċjali meta tagħmel ix-xita jew nida. Is-Sa Gauci staqsiet sabiex isir xi ħaġa bħala tingiref l-art jew isiru xi strixxi sabiex tiġ ndirizzata din il-problema qabel ma tikkaġuna xi aċċident.

**21/04/07** Kien hemm qbil sabiex naraw li din tistà tiġi indirizzata.

**21/04/08** Is-Sur Chris Fenech talab sabiex iressaq talba imressqa minn residenta rigward għalqa li tinsab fi Triq San Bartilmew u li għandha l-ħajt mhux għoli biżżejjed u minħabba f'hekk qed ikun hemm persuna li jidħlu f'din l-għalqa għax iċ-ċint huwa baxx bil-possibilità li sid l-għalqa jtella żewġ filati oħra.

**21/04/09** Is-Sa Meli u s-Sa Gauci qablu li din ir-residenta għandha tagħmel rapport lill-Pulizija.

**21/04/10** Is-Sa Francesca għamlet referenza għal Sqaq l-imnieqa fejn minħabba nuqqas ta' dawl qed ikun hemm diveressi abbużi u qiegħed ikraħ fid-dlam. Ikkonfermat li hemm arbli kif ukoll *wires*.

| | |
|---|---|
| **21/04/11** | Is-Sa Francesca ressqet talba sabiex ikun hemm parkeġġ bil-ħin fi Triq l-Isqof Gargallo f'ċertu ħinijiet. |
| **21/04/12** | Is-Sa Gauci infurmat li meta kienet tkelmet ma TM fuq din it-talba, hi kienet ġiet infurmata li dawn m'għadhomx isiru. |
| **21/04/13** | Is-Sa Meli ssuġġeriet li tiġi mressqa talba uffiċċjali lil TM u żiedet tgħid kif ċerti żoni fil-Għargħur, kif għalkemm hi tixtieq tistenna l-istudju li ser isir mill-istudenti ta' l-università dwar il-parkeġġ u sistemi ta' toroq, pero fil-Għargħur hemm ċertu żoni li r-residenti qed jiġu impattati f'ħinijiet li jkunu qed jirritonaw id-dar u għalhekk ċertu żoni forsi jkun possibli li jsiru *residential parking*. Għal din ir-raġuni hi nfurmat li dan il-punt ser jitqajjem meta tinżamm il-laqgħa ma' TM u tinġabar l-informazzjoni u proċeduri dwar dan. |
| **21/04/14** | Is-Sa Attard ressqet talba sabiex issir *sleeping police* fin-niżla ta' Triq San Bartilmew peress li l-karozzi qed jgħaddu b'veloċita qawwija minn din it-Triq u qed tkun perikoluża anke għar-residenti li joqgħodu hemm. |
| **21/04/15** | Is-Sa Gauci fakkret biex il-Kunsill jara li jibgħat ittri lir-residenti sabiex jara li ma jkunx hemm oġġezzjoni qabel din tgħaddi għand TM. |
| **21/04/16** | Id-DSE żiedet tgħid ukoll sabiex jiġu provduta ritratti peress li fl-applikazzjoni lil TM il-Kunsill huwa mitlub li jipprovdi dawn u mhux minn *google maps.* |
| **21/06/17** | Is-Sa Meli qalet li kien hemm talba għal-żebra crossing fi Triq Stiefnu Zerafa, aktar lejn ir-roundabout ta' Triq Caravaggio. |
| **21/06/18** | Is-Sa Gauci infurmat li din it-talba kienet diġa ġiet imressqa fil-laqgħat tal-Kunsill u r-residenti kienu oġġezzjonaw. |
| **21/06/19** | Is-Sa Meli ħadet nota dwar dan u infurmat li ser tkun qed tivverifika din l-informazzjoni. |
| **21/06/20** | Is-Sa Attard ressqet l-aħħar talba f'isem resident li joqgħod maġemb spiżerji li qed ikollu problema kull darba li jmur trak bid-*delivery* u qed ikollu l-faċċata milquta spiss meta jiġu biex jirriversjaw. Għal din ir-raġuni, hi qalet kif ir-resident kien qed jistaqsi jekk jiġi installata U-Bar fuq il-bankina biex il-vetturi ma jibqgħux deħlin fuq il-bankina jew jgħamel il-lastiku mal-kantuniera u tiġi mħalsa hux. |
| **21/06/20** | Ma kienx hemm oġġezzjoni li ssir l-lastiku mal-kantuniera u tintbagħat talba lil TM sabiex tiġi installata U-Bar fuq il-bankina. |
| **21/06/21** | Is-Sur Chris Fenech xtaq jinforma lill-Kunsill biex jieħu ħsieb iniżżel il-pjanti li jinsabu fil-pjazza fil-ġnien biex żgur ma jmutux minħabba nuqqas ta' tisqija. |
| **21/06/22** | Id-DSE infurmat lis-Sa Fenech li kienet ħadet nota dwar dan u ser titlob lill-ħaddiema tal-Kunsill sabiex dawn il-pjanti jitpoġġew fil-ġnien biżwit il-Kunsill. |

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**21/06/23** Is-Sa Meli infurmat ukoll li l-iskema marbuta mal-*cleanup* kienu bagħtu jistaqsu jekk apparti x-xiri ta' doggy bins jistax il-Kunsill jikludi attività marbuta ma' dan. Hi qalet kif ftit ġimgħat ilu s-Sur Chris Fenech kien issuġġerixxa li l-Kunsill jorganizza *dog walk* u għal din ir-raġuni talbet il-Kunsill jaqbilx li jsir xi ħaga simili.

**21/06/24** Is-Sur Fenech issuġġerixxa li l-Kunsill javviċina għaqda organizzata li diġa għandhom dan il-grupp biex jitqajjem l-interess.

**21/06/25** Il-Kunsilliera qablu sabiex din tiġi miżjuda fl-applikazzjoni li kienet ġiet imressqa marbuta ma' din l-iskema.

**21/06/26** Id-DSE issuġġeriet li qabel ma tibda l-mixja, forsi xi ħadd jaf b'veterinarju li forsi jkun jistà jgħamel kelmtejn dwar kif għandha nieħdu ħsieb l-annimali tagħna u forsi wieħed javviċina pet shops għal sponsor sabiex jiġi provduta vouchers.

**21/06/27** Is-Sa Attard qalet li taf persuna u ser tagħmel kuntatt miegħu.

**21/06/28** Kien hemm qbil dwar dan is-suġġeriment mill-Kunsilliera preżenti.

## 21/05 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet

- ***Rapporti***

**21/05/01** Id-DSE infurmat lil rapporti għal din il-laqgħa ma kien hemm xejn x'jiġi ppreżentat għal din il-laqgħa. Żiedet tgħid ukoll kif hemm laqgħa skedata ma' l-accountant l-għada ta' din il-laqgħa biex ikun hemm direzzjoni ta' kif ser isir ix-xogħol li hemm pendenti.

- ***Ilmenti, Ordnijiet ta' Xogħol***

**21/05/02** Id-DSE infurmat kif hi kellha żewġ ilmeti x'jiġru ppreżentati. L-ewwel waħda kienet komunikazzjoni li l-Kunsill kien irċieva nhar it-Tlieta 10 ta' Ġunju sabiex it-tniġġiż tal-ħoss mill-van tal-Liquigas.

**21/05/03** Wara li ġiet moqrija l-komunikazzjoni mressqa, il-Kunsill għandu jivverifika l-liġi umbad ikun pożizzzjoni aħjar li jgħati direzzjoni.

**21/05/04** Id-DSE infurmat li dan il-Kunsill kien irċieva ittra minn tifel fejn ressaq talba sabiex f'Ġnien il-Paċi, fejn hemm il-bandli, il-Kunsill jikkunsidra jgħamel xi ħaga li tagħmel id-dell speċjalment fis-sajf.

**21/05/06** Id-DSE spjegat kif Kunsill kien għamel qlugħ smili sabiex jgħatu protezzjoni lil bandli.

**21/05/07** Kiem hemm qbil sabiex tinġabar aktar informazzjoni dwar dan bil-possibilità wkoll li jintużaw parti mill-fondi mill-iskema msemmija fil-bidu ta' din il-laqgħa.

**21/05/08** Id-DSE spjegat kif waħda mill-problemi li nnutat kemm kienet ilha taġġixxi bħala DSE kienet li l-pettycash kienet qed tintuża għal diversi affarijiet fosthom pagament sabiex jinxtara l-fuel għal van tal-Kunsill. Għal din ir-raġuni hi spjegat kif kienet għamlet kuntatt ma' VC Petrol Station li tinsab fil-bidu tal-Għargħur biex ikun hemm Sistema ta' card fejn ikun hemm limitu fix-xahar ta' kemm jistà jiġi użat. Hi spjegat ukoll kif fl-aħħar tax-xahar tintbagħat il-fattura bil-provi sabiex dan jiġi mħallas. Hi spjegat ukoll kif il-baġit ikun ta' €50.

**21/05/09** Kien hemm qbil dwar dan mill-Kunsilliera preżenti.

**21/05/10** Id-DSE infurmat li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand il-kumpanija Future Focus dwar studenti ġermaniżi li ser ikunu Malta f'Awwissu li ġej u jixtiequ jsib xogħol klerikali u dan bla ħlas għal Kunsill.

**21/05/11** Kien hemm qbil dwar dan mill-Kunsilliera preżenti.

**21/05/12** Id-DSE ressqet fuq il-mejda kwotazzjonijiet sabiex tinxtara *water dispenser* minflok jinġarru flixken ta' l-ilma u jitneħħa bħala piz finanzjarju mill-petty cash.

**21/05/13** Kien hemm qbil dwar dan mill-Kunsilliera preżenti sabiex tiġi approvata l-orħos kwotazzjoni pprovduta.

**21/05/14** Is-Sa Meli għamlet referenza għall-Pulizija tal-Komunità fejn ser jiġi introdott servizz ġdid bl-isem PCSO – Patrol and Control Support Officers – fejn l-irwol ser ikun xogħol addizzjonali mal-Puliżija ta-Komunità sabiex ikun hawn aktar preżenza fil-lokalità biex jonqsu l-abbużi u vandaliżmu, jibdu relazzjoni mal-ħwienet, kif ukoll jiġbru informazzjoni li jkun meħtieġ mill-Puluzija. Hi spjegat ukoll kif dan mhux ser ikollhom l-awtorità li jħarku lin-nies u kif qedin fil-proċess sabiex dawn l-uffiċċjali jiġu ngaġġati u jingħataw it-taħriġ meħtieġ.

**21/05/15** Is-Sa Gauci staqsiet jekk dawn l-uffiċċjali kienux ser ikunu maqsuma ma' lokalitajiet oħra.

**21/05/16** Is-Sa Meli infurmat kif kull lokalità ser ikollha minn dawn l-uffiċċjali.

**21/05/17** Is-Sa Meli żiedet tgħid kif waqt il-laqgħa li kellha ma' l-ispettur, ġiet mitluba tara jekk kienx hemm post adekwat fil-binja tal-Kunsill jew bini devolut lill-Kunsill sabiex ikun jistà jkun preżenti Uffiċċjal tal-Komunità sabiex iservi lill-Għargħur. Hi spjegat li fil-laqgħat preċedenti tal-Kunsill kien ġie diskuss li dan ikun jistà joqgħod fit-torri imma dan mhux ser isir. Hi qalet ukoll kif issemma li jintuża spazju li jgħamel parti minn każin politiku pero dan qatt ma kienx ġie mressaq fil-laqgħat tal-Kunsill.

**21/05/18** Is-Sa Gauci spjegat li fl-aħħar laqgħa li hi kellha ma' l-ispettur flimkien ma' l-Uffiċċjali tal-Komunità kienet ipproponiet dan il-post pero qatt ma kienu ġew lura bi tweġiba u għal din ir-raġuni qatt ma kienet tressqet il-Kunsill. Hi żiedet tgħid ukoll kif apparti dan l-ispażju li għandu biex separat għalieh u kif kienet qalet li ma kienx post ideali għal dan, hi kienet ipproponiet ukoll li javviċinaw lill-Kappillan forsi jkun jistà jsib post adekwat. Hi qalet kif dan kollu qatt ma kien tressaq peress li qatt ma kienu ġew lura bi tweġiba.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**21/05/19** Id-DSE ikkonfermat dan kollu peress li hi kienet preżenti f'din il-laqgħa msemmija.

**21/05/20** Is-Sa Meli kompliet tispjega kif l-ispettur semmiet li l-Kunsill qed jiġi mitlub jipprovdi mejda u li jkollu aċċess għat-toilet kif ukoll jingħata l-internet. Hi qalet ukoll kif peress li huwa importanti li dan il-lokal ikollu l-prezenza tal-Pulizija, hi ssuġġeriet li dan jitpoġġa fl-ewwel sular f'daħla li tinsab fil-ġemb qabel ma wieħed jitla għas-sala ta' fuq. Għal dan il-għan ser jingħata iċ-ċavetta tal-bieb ta' barra pero lentratura għall-uffiċċini tibqà tinżamm magħluqa.

**21/05/21** Is-Sa Gauci saqsiet għal ħinijiet u ġranet.

**21/05/22** Is-Sa Meli infurmat li huma jaħdmu bix-shift mis-7 ta' filgħodu u li jibqà sejjer sal-11 ta' bil-lejl.

**21/05/23** Il-Kunsilliera preżenti approvaw dan is-suġġeriment u ser ikun qed jiġi ikkomunikat mal-Ispettur.

**21/05/24** Is-Sa Gauci staqsiet jekk is-serraturi tal-bibien ta' l-uffiċċju kienux ġew mibdula riċenti.

**21/05/25** Is-Sa Meli ikkonfermat li kien hemm dan it-tibdil.

**21/05/26** Is-Sa Gauci qalet kif il-Kunsilliera kellkom ikunu infurmata dwar dan peress li n-nies ċemplulha għax ma setgħux jidħlu fl-uffiċċju sabiex jgħamlu l-eżerċizzju filgħaxija.

**21/05/27** Id-DSE infurmat li min kellu jbiddel is-serratura ta' wieħed mill-bibien kien imbidel bi żball flok bieb ieħor.

**21/05/28** Is-Sa Meli spjegat li hi kienet ħasset li dawn għandhom jiġu mibdula u kif fuq meta nqala l-każ u kellu jinżamm is-sessjoni ta' l-eżerċizzju kien hemm żball li kien inbidel bieb b'ieħor pero l-problema kienet ta' darba biss.

**21/05/29** Is-Sa Gauci saqsiet min kellu set ta' din iċ-ċavetta, peress li qabel kopja taċ-ċwievet kellu kulħadd.

**21/05/30** Is-Sa Meli infurmat li kopja tas-sett taċ-ċwievet tal-Kunsill fil-preżenti għandhom id-DSE, l-impjegat u hi bħala s-Sindku.

## 21/066 Kuntratti, Tenders u MOUs

**21/06/01** Is-Sa Meli għamlet referenza għall-MOU bejn il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għargħur u l-Cleansing Services Department fejn hi spjegat kif is-suġġerimenti li kienu tqajmu fil-laqgħa preċedenti tal-Kunsill kienu ġew imressqa mal-CSD. Minħabba xi tibdil li kien hemm, hi infurmat kif kopja emendata ta' dan il-kuntratt kien reġa ġie mibgħut lill-Kunsilliera flimkien mal-minuti u kif jidher li ma kien hemm l-ebda mistoqsija mressqa.

**21/06/02** Is-Sa Gauci qalet kif meta dan id-dokument kien intbagħat, kien hemm miktub li l-ħlas ser ikun ma kull tliet xhur.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**21/06/03** Is-Sa Meli spjegat kif l-invoice ser tkun qed tiġbor perjodu ta' tliet xhur ma kull darba li tkun daħlet l-allakozzjoni għand il-Kunsill. Jekk is-servizz jinbeda minn issa, l-Kunsill jiġi mitlub iħallas f'Ottubru li ġej wara li tkun daħlet l-allokazzjoni.

**21/06/04** Is-Sa Gauci staqsiet id-data ta' bidu ta' dan il-kuntratt.

**21/06/05** Is-Sa Meli spjegat li kif jiġi approvat u iffirmat dan l-MOU, ikun jistà jinbeda.

**21/06/06** Is-Sa Gauci qalet kif tispera li dawn jgħatu servizz tajjeb peress li t-Tnejn li għadda (minn din il-laqgħa) kien hemm bowser ta' l-ilma jaħslu t-toroq u kull m'għamlu kien biss li jxorbu t-triq minn quddiem il-Knisja, għat-Triq 31 ta' Marzu sa Triq Caravaggio minn naħa għall-oħra u għal din ir-raġuni hi qalet kif tispera li x-xogħol mhux ser ikun qed isir b'dan il-mod.

**21/06/07** Is-Sa Meli qalet kif dik kienet prova u sabiex jaraw l-inħawi wkoll.

**21/06/08** Is-Sa Gauci staqsiet jekk il-knis hux ser jibda jsir filgħaxija wkoll.

**21/06/09** Is-Sa Meli spjegat kif il-knis kif ukoll it-tbattil tal-bins ser ikun qed isir mis-7:30 ta' filgħodu sas-2:30 ta' wara nofsinhar, mit-Tnejn sal-Ġimgħa, u nhar ta' Sibt mis-7:30 ta' filgħodu san-nofsija.

**21/06/10** Is-Sa Gauci staqsiet jekk filgħodu kienx ser ikun qed jiftħilhom xi ħadd speċjalment fis-sajf minħabba li l-ħinijiet huma differenti.

**21/06/11** Is-Sa Meli spjegat kif l-impjegati tal-Kunsill ikunu l-uffiċċju fis-7:30 ta' filgħodu u b'hekk ser ikollhom min jiftħilhom. Jekk ikun hemm bżonn hi lesta li tiġi tfitħilhom hi, skond il-ħtieġa. Is-Sa Meli qalet ukoll li hemm il-kamra ta' maġemb il-Kunsill sabiex ikunu jistgħu jgħamlu użu minnhom. Għal din ir-raġuni t-tbattil ta' bins mhux ser jibqà jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill u x-xogħol tagħhom ser ikun differenti. Hi għamlitha ċara li l-Kunsill mhu ser iwaqqaf l-ebda ħaddiem milli jaħdem mal-Kunsill.

**21/06/12** Is-Sur Fenech qal kif fil-preżent hemm ħaddiem li jbattal dawn il-bins u huwa importanti li jkun hemm kjarifika li l-CSD ser ikun qed ibattal il-bins kollha li jinsabu fil-lokalità, inkluż id-*doggy bins* u l-*bins* ġodda li għadhom kif saru fi Triq Għaxqet l-Għajn.

**21/06/13** Is-Sa Meli ħadet nota dwar dan u ser tkun qed tiċċara dan il-punt mas-CSD.

**21/06/14** Hi kompliet tispjega li fil-5 ta' filgħaxija jkun qed jgħaddi l-vann tal-CSD sabiex jiġbor il-boroż orango kollha li jkunu madwar il-lokalità. Apparti minn hekk ikun hemm ukoll *shift* sabiex isir il-ħasil tat-toroq b'mod regolari filgħaxija.

**21/06/15** Is-Sa Meli qalet kif apparti dan il-ftehim, dawk il-Kunsill li għandhom dan il-kuntratt intitolati wkoll għal tindif speċjali matul il-ġimgħa tal-festa. Għal din ir-raġuni meta l-Kunsill ikollu fidejh il-programm sħieħ tal-festa, dan ser jiġi mgħoddi lilhom sabiex isir it-tindif neċessarju.

**21/07/16** Is-Sa Gauci qalet kif hi xorta waħda tibqà tinsisti li dan is-servizz missu baqà għand il-Kunsill pero l-opinjoni tagħha ma kinitx ser taffetwa l-vot meħud minħabba l-maġġoranza.

**21/07/17** Is-Sa Meli qalet kif fil-kuntratt hemm speċifikat li l-otonomija tibqà f'idejn il-Kunsill.

**21/07/18** Is-Sa Meli żiedet tgħid ukoll kif il-kamra li l-Kunsill għandu maġemb il-grawnd tal-futball qed jiġi mnaddaf sabiex dan ikun jistà jintuża għall-appart li jkollu bżonn il-CSD.

**21/07/19** Is-Sa Gauci staqsiet fejn ser jibdew jinżammu l-boroż.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**21/07/20** Is-Sa Meli spjegat li l-boroż mhux ser jibqgħu jinżammu f'din il-kamra peress li filghaxija stess ser ikunu qed jinġabru mill-CSD.

**21/07/19** Is-Sa Meli żiedet tgħid ukoll li l-Kunsill irid jaħtar *supervisor* minn naħa tal-Kunsill biex b'hekk l-awtonomija tal-Kunsill żgur ma tkunx meħuda.

**21/07/20** Kien hemm approvazzjoni dwar dan il-kuntratt b'maġġoranza tal-Kunsilliera preżenti.

**21/07/21** Is-Sa Meli infurmat kif hi kienet avviċinat lill-FITA dwar is-servizzi li jgħatu b'xejn lill-Kunsilli Lokali fejn saret ukoll referenza għal kuntratt li huma għandhom flimkien ma' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali fl-10 ta' Mejju 2023. Hi qalet ukoll kif ser tinżamm laqgħa ta' introduzzjoni biex in-nies jitħajru jibdew jattendu dan il-kors offrut b'xejn, nhar il-Ħamis 10 ta' Lulju, fl-10 ta' filgħodu fis-sala tal-Kunsill Lokali. Għal din ir-raġuni ser ikun qed jinħareġ poster sabiex dan jiġi rriklamat. Skond il-parteċipazzjoni ta' din il-laqgħa, jiġi stabillit kif ser jinżamm it-taħriġ.

**21/07/22** Is-Sa Meli infurmat kif kien sar kuntatt ma' The Notebook Centre fejn qed joffri divesi servizzi lir-residenti għal kuntratt ta' sena permezz ta' preżentazzjoni tal-karta ta' l-identità għal prezz ta' €1,000. Apparti s-servizz ser jipprovdu wkoll affarijiet li jistgħu jingħataw bħala Rigali skond il-ħtieġa tal-Kunsill. Hi qalet ukoll kif talbet li jekk dan il-kuntratt jiġi iffirmat, għandu jiġi provdut data kull tliet xhur ta' kemm residenti mill-Għargħur għamlu użu minn dan is-servizz. L-anzjani u dawk li għandhom problema ta' mobilità, dan jipprovdi servizz li jiġbru l-prodott u jirritornaw lura.

**21/07/23** Is-Sa Gauci infurmat kif il-Kunsill fis-snin preċedenti kien għamel użu minn dan is-servizzu huwa l-istess li kien ġie ppreżentat imma ma kienx ġie imġedded peress li n-nies ma kienx qedin jgħamlu użu minnu.

**21/07/24** Is-Sur Chris Fenech staqsa jekk hux possibli l-Kunsill jitlob kemm kienu jgħamlu użu minn dan is-servizz meta l-Kunsill kellu dan il-kuntratt. Hu żied jgħid ukoll li għandhu jkun hemm riklamar tajjeb biex żgur jiġi użat.

**21/07/25** Kien hemm approvazzjoni dwar dan mill-Kunsilliera preżenti.

**21/07/26** Is-Sa Meli għamlet referenza għall-kuntratt li l-Kunsill Lokali għandu kemm mal-kumpanija li tipprovdi l-kirja tal-vann kif ukoll max-xufier li jgħati s-servizz tiegħu. Hi spjegat ukoll kif kien irriżulta li x-xufier ma kellu l-ebda kuntratt mal-Kunsill. Minħabba f'hekk, hi spjegat kif inħarġet sejħa għal ġabra ta' kwotazzjonijiet, u sad-data stipulata ix-xufier li kellu l-Kunsill fil-preżenti kien leħaq issottometta l-interess tiegħu.

**21/07/27** Is-Sa Meli għamlet referenza għall-kuntratt tal-vann wara li kienet saret talba għal direzzjoni mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali fejn skond il-kuntratt skadut li kellu l-Kunsill kien qed jiġi mitlub li għandha tinħareġ sejħa ġdida u ma jistax jibqa jiġi mġedded il-kuntratt preċedenti. Għal din ir-raġuni hi psjegat kif hemm żewġ għażliet – li jinħareġ sejħa għall offerti jew inkella għall-iskema ta' *capital scheme* – dawn il-fondi jiġu użati sabiex il-Kunsill japplika biex jinxtara vann minn din l-iskema li jkun tal-Kunsill. Hi qalet li jekk ikun possibli, il-Kunsill għandu jistaqsi jekk il-paga tax-xufier tistax tinħareġ mill-istess skema.

**21/07/28** Id-DSE staqsiet jekk il-vann hux ser ikun ta' l-elettriku.

**21/07/29** Is-Sa Gauci u s-Sa Attard ġibdu l-attenzjoni li wieħed irid joqgħod attent jekk ser ikun ta' l-elettriku minħabba l-post ta' fejn dan irid jiġi iċċarġjat.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**21/07/30** Kien hemm qbil b'mod unanimu li l-Kunsill japplika għal din l-iskema pero Sadanittant għandhom jinġabru kwotazzjonijiet sabiex ikun hemm kirja ta' vann għal perjodu ta' erbgha xhur sakemm l-iskema tiġi approvata u s-sejħa tkun saret u ġiet mgħaluqa.

**21/07/31** Is-Sa Meli infurmat li kienet inħarġet sejħa għall-kwotazzjonijiet għal servizz ta' avukat pero ħadd ma kienx leħaq applika sad-data ta' l-għeluq u għal din ir-raġuni ser tkun qed terġa tinħareġ.

**21/07/32** IS-Sa Meli infurmat li kienet inħarġet sejħa għal servizz ta' żbir ta' siġar peress li dan is-servizz mhux ser ikun qed jigi provdut mill-CSD. Hi Spjegat kif fil-kwotazzjoni kien ġie mitlub rata għal dawn is-siġar baxxi u rata oħra għal dawk is-siġar li jkunu kbar u jkollhom bżonn lifter biex isiru.

**21/07/34** Is-Sa Meli ressqet l-erbgħa kwotazzjonijiet li kienu ġew miġbura u kien hemm qbil mill-Kunsilliera preżenti sabiex din tingħata lill-kuntrattur li pprovda l-orħos rata u li huwa eleġibbli skond il-kriterji meħtieġa.

**21/07/35** Is-Sa Meli għamlet referenza għall-kuntratt li l-Kunsill kellu għall-għamara tat-Triq li kien skada fis-sena 2024. Għal din ir-raġuni hi nfurmat kif ser tkun qed tinħareġ sejħa t'offerti fil-jiem li ġejjin u hemm bżonn li jiġi maħtur bord ta' l-evalwaturi.

**21/07/36** Kien hemm qbil sabiex is-Sindku tkun c-Chairperson u s-Sa Gauci, is-Sa Attard u s-Sur Fenech bħala membri.

## 21.7 Postijiet Vakanti

- ***Sejħa biex timtelà l-pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Għargħur***

**21/07/01** Is-Sa Meli infurmat kif dan il-bord ta' l-evalwaturi li kienu magħżula fil-laqgħa preċedenti tal-Kunsill kienu iltaqgħu nhar it-Tlieta 3 ta' Ġunju 2025 sabiex jinżammu l-intervisti. Hi spjegat li kien hemm qbil fuq il-persuna u kif il-persuna magħżulħa għandha *background*

**21/07/02** Is-Sa Gauci staqsiet jekk kienitx ġiet approvata mid-Direttur Ġenerali.

**21/07/03** Id-DSE spjegat kif ir-rapporti flimkien mad-deċiżjoni meħuda f'din il-laqgħa ser ikunu ikkomunikata mad-Direttur Ġenerali l-għada stress ta' din il-laqgħa sabiex il-proċess ikun jistà jitkompla. Għal din ir-raġuni r-rapport preparate mill-bord ġie mressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsilliera preżenti.

**21/07/04** Kien hemm approvazzjoni unanimu mill-Kunsilliera preżenti sabiex il-persuna magħżula mill-bord tiġi rrakomandata bħala Segretarju Eżekuttiv.

- ***Clerk, Scala 15, Part Time***

**19/07/05** B'referenza għal din il-pożizzjoni, is-Sa Meli infurmat kif din is-sejħa tistà terġa tinħareġ wara li ngħatat direzzjoni mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

**19/07/06** Id-DSE staqsiet jekk is-sejħa għandhiex tkun *boosted* meta titla fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill kif ukoll titpoġġa fuq is-sit, KeepMePosted.

**19/07/07** Din ir-rakomandazzjoni kienet approvata.

## 21/08 Attivitajiet

**21/08/01** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, għamlet referenza għall-avvenimenti li ser jinżammu is-Sibt 28 ta' Ġunju, nhar l-Erbgħa 16 ta' Lulju u nhar il-Ġimgħa 18 ta' Lulju, l-avvenimenti marbuta ma' *EU Sports Week 2025*. Dawn kienu diġa ġew diskussa dwar il-preparamenti li kien sar u dak li kien għadu meħtieġ.

**21/08/02** Is-Sa Meli għamlet referenza għal *water games* u kif kienet għamlet kuntatt mas-Sa Marilena Hassan sabiex tara jekk kienx hemm aġġornament fuq l-organizzazzjoni marbuta ma' din l-attività. Peress li ma kinitx preżenti għal din il-laqgħa, kien hemm qbil li l-Kunsill jgħati ġimgha oħra ċans biex ikun hemm risposta lura. Madanakollu jekk il-Kunsill jibqà mingħand tweġiba, il-Kunsill ser jieħu ħsieb l-organizzazzjoni ta' din l-attività peress li tinsab viċin ħafna.

**21/08/03** Is-Sa Attard staqsiet għal aġġornament fuq it-*Treasure Hunt* li għandha tinżamm nhar il-Ħamis 17 ta' Lulju 2025.

**21/08/04** Id-DSE fakret li r-Reġjun kien ippublika ktieb b'Treasure Hunt flimkien ma' l-użu ta' app fuq il-mowbajl.

**21/08/05** Is-Sa Meli staqsiet jekk il-laqgħa kienitx inżammet bejn il-persuna responsabbli – Marilena Hassan, Chris Fenech u Francesca Attard – u b'hekk jekk kienx hemm aġġornament.

**21/08/06** Is-Sur Chris Fenech informa li kienet inżammet laqgħa dwar dan mal-Cultural Manager tar-Reġjun, James Hamberger, pero hu ma kienx seta jattendi u kienet iltaqgħet miegħu s-Sa Hassan.

**21/08/07** Kien hemm qbil sabiex jgħatu ċans ftit ġranet u jgħamlu kuntatt mas-Sa Hassan sabiex ikun hemm direzzjoni dwar x'ser ikun qed jiġi organizzat.

## 21/09 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

**21/09/01** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda.

**21/09/02** IS-Sa Meli talbet lid-DSE tagħti aġġornament dwar is-sitwazzjoni tal-petty cash.

**21/09/03** Id-DSE spjegat kif il-petty cash l-aħħar li kienet ġiet imħalsa kienet f'Jannar 2025, kien inħareġ ċekk ieħor għax-xahar ta' Frar pero mill-uffiċċju irriżulta li dan iċ-ċekk qatt ma' kien ġie msarraf u kien b'firma waħda (dik tad-DSE) u ikkanċellat. Hi qalet ukoll kif għamlet rikonċiljament xahar xahar u kien qed jidher li minn meta spiċċat is-SE preċedenti hu kien qed jitlob l-ammont sħieħ u mhux id-differenza ta' kemm suppost għandu jpoġġi biex jiġi sostitwit. Għal din ir-raġuni hi daret l-iskedi kollha u nħarġu l-ammonti kif inhuma mitluba.

**21/09/04** Id-DSE qalet ukoll li l-unika pagament li għadu ma ġiex approvat u baqa pendenti kien dak ta' Mejju 2025

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**21/09/05** Id-DSE kompliet tispjega kif peress li dan ma kienx hemm dħul b'ċekk, l-impjegat kien qed juża flus minn dħul ieħor, minn tal-permessi u spjegat ukoll kif hi ma kinixt infurmata dwar dan sakemm dawn l-affarijiet ġew ivvefikati. Hi għamlita ċara lill-impjegat sabiex din ma terġax issir u ġie mitlub ukoll li meta jinħareġ xi ħaga mill-*petty cash* l-ewwel għandha titressaq talba lid-DSE dwar għal xi jkun hemm bżonn.

**21/09/06** Id-DSE infurmat ukoll kif kien hemm ftehim miegħu biex il-*petty cash* tibda tingħalaqa darba fl-a ħhar tax-xahar u mhux ma kull laqgħa li ssir mill-Kunsill. Hi qalet ukoll kif għal din il-laqgħa mhux qed tiġi mressqa skeda tal-Petty Cash peress li din il-laqgħa nżammet fi żmien ġimgħatejn. Reġgħet fakret li għad hemm ta' Mejju pendenti kif ukoll il-pagamenti li kienu nżammu mill-iskeda preċedenti, inkluż tax-xufier.

**21/09/07** Kien hemm qbil sabiex il-ħlas tax-xufier isir pero l-pagamenti li kienu għadhom pendenti mill-iskeda preċedenti jerġgħu jitressqa fil-laqgħa li jmiss.

**21/09/08** Id-DSE saqsiet fuq il-petty cash ta' Mejju u irrakomandat li dan għandu jgħaddi pero m'għ andhomx jiġi mħalsa x-xiri li kien sar tal-panadols.

**21/09/09** Is-Sa Gauci qalet kif dan kien jiddependi kemm kienu nxtaraw.

**21/09/10** Kien hemm qbil sabiex il-Petty Cash jiġi mħallas mingħajr ma jiġu mħalsa l-panadols.

**21/09/07** Kien hemm qbil sabiex il-kumplament tal-pagament jiġu approvati fuq proposta tas-Sa Mariah Meli, sekondata mis-Sa Francesca Attard.

## 21/10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**21/10/01** Is-Sa Meli semmiet li aktarx sal-laqgħa li jmiss tkun tistà tiġi introdotta s-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid.

**21/10/02** Id-DSE spjegat kif malli jkun hemm approvazzjoni u tiġi maħtura s-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid, din il-persuna jkollha tibda taġixxi u tmexxi l-laqgħat.

**21/10/03** Kien hemm qbil sabiex ikun hemm perjodu ta' *handover* sakemm il-persuna ġdida tifhem ix-xogħol li għandu jsir.

**21/10/04** Il-laqgħa spiċċat fis-18:54p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis 26 ta' Ġunju 2025 fil-5:30p.m.

| | |
|---|---|
| **Mariah Meli**<br>**Sindku** | **Jeanette Galea**<br>**Deputat Segretarju Eżekuttiv** |